MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 41/2002

**Mario Azzopardi**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' l-Awtorita' ta' Mario Azzopardi a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi b'decizjoni tat-8 ta' Novembru 2002, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet premessi, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok "A", iddecieda li r-rekwiziti tas-sub-artikolu (11) tal-artikolu 52 tal-Kapitolu 356 gew sodisfatti u ghalhekk qed jichad l-appell, jikkonferma l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq u qed jordna li l-avviz ta' twettieq fil-kaz tat-tarag ghandu jigi fis-sehh fi

zmien sittax-il gurnata minn mindu tigi definittivament michuda l-applikazzjoni PA 2466/02;

Illi l-esponent ihoss ruhu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk qed jinterponi dan l-umili appell mill-istess decizjoni fuq imsemmija quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Illi l-aggravji ta' l-esponent huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel seduta quddiem l-Onorabbli Bord fis-26 ta' Lulju 2002, l-Awtorita' appellata nvokat l-artikolu 52 (11) tal-Kap. 356 u wara li gie trattat dan il-punt strettament ta' natura preliminari u ta' ligi, il-Bord iddecieda illi dan l-artikolu ghandu jigi applikat ghall-kaz odjern. Madanakollu, l-esponent bir-rispett jissottometti li din id-decizjoni hija wahda zbaljata *stante* li l-applikazzjoni in kwistjoni bl-ebda mod ma tikkwalifika bhala wahda li kienet intiza sabiex tissana <u>l-izvilupp imsemmi fl-avviz ta' twettieq</u>.

L-interpretazzjoni tan-natura sanatorja *o meno* ta' l-applikazzjoni *ai termini* tal-fuq imsemmi artikolu kienet wahda erronja tant illi wasslu lill-Bord illi japplika dan l-istess artikolu meta ma kienx il-kaz li jigi applikat. Il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ikkunsidra jekk l-applikazzjoni in kwistjoni kenitx ta' natura sanatorja *o meno* izda naqas illi jikkunsidra tali kwistjoni *ai termini* ta' l-artikolu citat mill-Awtorita' appellata.

2. *Inoltre,* jigi umilment irrilevat illi d-decizjoni in kwistjoni hija wahda *ultra petita* u dan *stante* illi titratta dwar zvilupp li mhuwiex il-mertu tal-Avviz ta' Twettieq odjern u b'hekk tali decizjoni hija wahda nulla;

3. Minghajr pregudizzju ghal dak suespost, illi permezz ta' 'l fuq imsemmija sentenza l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar qieghed jivvjola d-dritt ta' l-appellant ghal smiegh xieraq u ghalhekk tmur kontra l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). Illi permezz tad-decizjoni fuq imsemmija u b'hekk bl-applikazzjoni ta' l-

artikolu fuq citat, il-Bord nehha kull rimedju effettiv li seta' kellu l-esponent kontra l-hrug ta' l-Avviz ta' Twettieq u dan *stante* illi l-esponent gie prekluz milli jressaq provi dwar in-natura ta' l-uzu li qed isir mill-fond in kwistjoni.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, l-appellant jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha tirrevoka d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tat-8 ta' Novembru 2002 fil-kaz fl-ismijiet premessi u tannulla l-Avviz tat-Twettieq ECF 302/02 jew fin-nuqqas tordna li l-process relattiv jintbaghat lura lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar biex l-istess jiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol. 8 *et seq* tal-process:-

1. Illi preliminarjament jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null *stante* li ma sarx skond l-artikolu 15 (2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' Zvilupp (Kap. 356) li jghid hekk:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Nferjuri)".*

Fil-fatt huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dan ghandu jsir minn punti ta' ligi li jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem il-Bord u li jkunu gew decizi mill-istess Bord. Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' dina l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **"Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (deciza fil-31 ta' Mejju 1996), fejn gie spjegat li:-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi …. Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun*

*necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata".*

Fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Borg vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (decizjoni tal-Appell tal-24 t'April 1996) intqal illi:-

*"Jista' biss isir appell mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar quddiem din il-Qorti fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord. Mhux biss hu eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord imma wkoll fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux gew trattati u decizi mill-Bord. U din il-kontestazzjoni ta' ligu u decizjoni dwarha trid tirrizulta fis-sentenza appellata. Hu superfluwu li jigi nnotat illi l-appell hu minn decizjoni ta' Bord ta' Appell – Tribunal b'kompetenza specjali ta' revizjoni ta' decizjonijiet amministrattivi".*

*"F'sistema gudizzjarju fejn mhux permess rikors ghat-tielet Qorti ta' appell, hu ghalhekk li hu biss konsentit bil-ligi appell lil din il-Qorti f'kazijiet fejn ikun allegat li jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi mill-Bord espressa fid-decizjoni minnu emessa. Dan ifisser illi aktar minn funzjoni ta' revizjoni fuq il-fatti in kawza, din il-Qorti ghandha allura, funzjoni ta' sentinella biex tassigura li jigu osservati r-regoli tal-gustizzja naturali u l-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-ligi u tal-principji fiha enuncjati".*

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Mugliett vs l-Aworita' ta' l-Ippjanar"** (Qorti ta' l-Appell – decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996), gie riaffermat il-principju li:-

*"Skond il-ligi, din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss w unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun diga' qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u*

*l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (App. Nru. 31A/96) deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 1997 intqal illi:-

*"irid jinghad li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, kif konferita bis-sahha tas-sub-artikolu 15 tal-imsemmi Att 1 ta' l-1992, hija wahda limitata hafna. Dana billi din il-Qorti, meta tisma' appelli mid-decizjonijiet tal-Bord ta' Appell, tissindika l-istess decizjonijiet unikament dwar punti ta' ligi li jkunu gew trattati u decizi fl-istess decizjoni …. Illi dana billi l-Bord, fid-decizjoni appellata, illimita ruhu ghall-interpretazzjoni tal-Policies fil-Pjan Strutturali u applikahom ghall-kaz partikolari. Tali nterpretazzjoni u applikazzjoni jispettaw, skond il-ligi, lill-Bord ta' l-Appell u din il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindikahom jew tiddisturbahom, sakemm ma jkunx jidher car illi d-decizjoni hija manifestament ingusta minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, kif enuncjata fl-istess decizjoni".*

Dan il-principju, jigifieri li l-interpretazzjoni tal-ligi maghmula mill-Bord mhijiex sindakabbli, kien konfermat regolarment mill-gurisiprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom **"Zaren Camilleri vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (decizjoni tat-28 ta' Frar 1997 – Qorti tal-Appell) fejn il-Qorti qalet illi:-

*"Johrog car minn din id-dispozizzjoni (u cjoe' l-artikolu 15 (2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp) li l-gurisdizzjoni li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt. U biex appell fuq punt ta' dritt ikun ammissibbli, l-istess punt ta' dritt irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi fliem iehor biex ikun hemm lok ghall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellata semplici applikazzjoni ta' ligi ghall-fatti tal-kawza jew semplici*

*enuncjazzjoni ta' xi ligi, izda invece jrid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li holqot vertenza jew diskussjoni u li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta".*

L-istesss insenjament kien kif ukoll f'sentenza ricenti u cjoe' **"Delicata vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (decizjoni tal-31 ta' Mejju 2002 – Appell numru 165/97 – Qorti ta' l-Appell) fejn dina l-Onorabbli Qorti sostniet illi l-appellant kien qed jirribadixxi kwazi testwalment in-nota ta' sottomissjonijiet li kien pprezenta quddiem il-Bord u jippretendi li din il-Qorti ta' l-Appell tiddeciedi dwar dawn il-punti teknici. F'din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"Evidentement din il-Qorti m'ghandha l-ebda setgha u gurisdizzjoni li taghmel dan, billi s-sottomissjonijiet li saru mill-appellant jirrigwardaw fatti u nterpretazzjonijiet ta' policies li ma jirrisolvux ruhhom f'punti ta' dritt. Kif diga' ntqal il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti f'dawn l-appelli statutorji hija limitatissima u certament hija m'ghandhiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghad-diskrezzjoni tal-Bord fuq dawn il-punti teknici li jikkostitwixxu biss punti ta' fatt li ghalhekk ma jidhlux fil-guridizzjoni ta' din il-Qorti".*

Wiehed jista' japplika ghall-kaz in ezami dak li qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni **"Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Appell numru 13/01 RCP – deciz fit-28 t'Ottubru 2002):-

*"Illi minn ezami tad-decizjoni tal-Bord jirrizulta li l-Bord ma kellux bzonn jippronuzja ruhu fuq xi punt ta' dritt. Invece, id-decizjoni bazikament tikkontjeni semplici applikazzjoni ta' diversi 'policies' tal-Pjan ta' Struttura ghall-fatti tal-kaz kif rahom u apprezzahom il-Bord. Apprezzament tekniku dan li jisfuggi l-mansjoni revizjonali ta' din il-Qorti. Jidher car ghalhekk mal-ewwel illi l-appellant qieghed jappella fuq fatti. Dan … ma huwiex possibbli legalment".*

Fl-istess sentenza l-Qorti kompliet tghid illi:-

*"… kif inghad aktar 'il fuq il-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti, f'appelli bhal dawn cjoe' taht l-Att Numru 1 tal-1992 konsegwentement hija limitata hafna. Din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrevedi u tirrimedja ghal kwalunkwe mankanza, immaginata jew reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. Invece, din il-Qorti tista', u ghandha tintervjeni biss fil-kazijiet li jolqtu direttament xi punt ta' ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord. Evidentement l-aggravju li l-Bord naqas li jaghti d-debita konsiderazzjoni li xi fatturi rilevanti jew anke li l-Bord ha in konsiderazzjoni xi fatti rilevanti, ma jikkostitwixxux punt ta' dritt deciz mill-Bord u ghalhekk ma jaghtux lok ta' appell lil din il-Qorti …. Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-dikrezzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni ma hijiex sindakabbli minn dina l-Qorti f'appelli bhal dawn …".*

Fl-istess sentenza l-Onorabbli Qorti spjegat illi:-

*"… kwistjoni bhal din tidhol strettament fil-mansjonijiet tal-Bord li hu tribunal amministrattiv u/jew kwazi gudizzjarju mwaqqaf apposta b'zewg membri teknici fih, li huma professjonalment kwalifikati biex javalwaw sewwa s-sottomissjonijiet teknici li jsiru quddiemu u jaslu ghal decizjoni gusta fuq materja teknika … Din il-Qorti ma ghandha l-ebda gurisdizzjoni li tirrevedi dawn il-konkluzjonijiet teknici milhuqa mill-Bord, ghaliex billi dawn jinvolvu apprezzament ta' provi hafna drabi ta' natura teknika, u dwar fatt li jesorbixxu l-kompetenza taghha. wara kollox, il-Bord gie mwaqqaf proprju biex jirrevedi d-decizjonijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar primarjament ghalkemm mhux esklussivament fuq dan l-aspett tekniku".*

Dan il-punt rega' ghal darb'ohra kien konfermat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **"Tonio Azzopardi vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (decizjoni tat-28 ta' Ottubru 2002) fejn intqal li:-

*"Illi fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami d-decizjoni tal-Bord kienet proprju f'dan is-sens, cjoe' li applika l-policies relevanti ghall-fatti li kellu quddiemu, u ghalhekk dan*

*certament ma jikkostitwixxix u ma jammontax ghal decizjoni fuq punt ta' dritt li minnu jista' jsir appell quddiem din il-Qorti skond id-dispozizzjoni tal-Kap 356. Illi l-fatt li fid-decizjoni tieghu l-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar jaghmel referenza ghal xi policies jew regolamenti, dan ma jkun fl-ebda mod ifisser li jkun qieghed jiddetermina xi punt ta' dritt. Wara kollox, il-Bord ta' bilfors irid japplika u jibbaza ruhu fuq il-varji dispozizzjonijiet tal-policies u regolamenti relattivi sabiex jiddetermina l-appelli li jkun qieghed jiddetermina, izda huwa biss fl-eventwalita' li fis-sentenza tieghu l-Bord jaghmel valutazzjoni ossija apprezzament ta' xi punt ta' dritt li din il-Qorti tkun tista' tissindika d-decizjoni tieghu. Fil-kaz in ezami, huwa evidenti li dan ma kienx il-kaz, u ghalhekk l-appell ghandu jigi michud".*

Illi fil-kaz in ezami l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma ddecieda l-ebda punt ta' ligi izda sempliciment iddecieda li jichad l-appell wara li ddecieda l-fatti tal-kaz kienu juru li saret applikazzjoni sanatorja dwar l-istess zvilupp li dwaru kien hareg l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq li minnu sar l-appell quddiem il-Bord. Galadarba il-Bord kien wasal ghal din il-konkluzjoni fattwali, huwa applika dispozizzjoni specifika fil-ligi li tirrigwarda proprju dan il-kaz. Fl-ebda parti tad-decizjoni ma hemm xi decizjoni dwar xi punt ta' ligi, u ghaldaqstant ma seta' jsir l-ebda appell lil dina l-Onorabbli Qorti *ai termini* ta' l-artikolu 15 (2) hawn fuq imsemmi.

Fil-fatt jekk janalizza l-aggravji ta' l-appellant jirrealizza li l-ebda wiehed ma jitratta punt ta' ligi izda jikkonsistu sempliciment fi stedina lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tanalizza mill-gdid il-punt jekk l-applikazzjoni kenitx tkopri l-istess zvilupp kontenut fl-Avviz, u ghaldaqstant jekk tali applikazzjoni kenitx wahda ntiza li tkopri tali zvilupp, liema ezercizzju ma jaqax fil-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti. L-ewwel zewg aggravji huma bbazati fuq il-premessa li tali applikazzjoni ma kenitx wahda sanatorja u ghalhekk, skond l-appellant, il-Bord ma kellux japplika l-artikolu 52 (11) u jichad l-appell tieghu. Madanakollu, kif diga' ntqal, id-diskrezzjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, hija wahda finali fir-rigward ta' punti fattwali bhal dan.

Illi kif ser jigi spjegat izjed ’l isfel, anke l-allegazzjonijiet ta’ vjolazzjoni ta’ drittijiet fundamentali ma jistghux jitqajmu f’appell lil dina l-Onorabbli Qorti minn decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad illi kif qal tajjeb il-Bord fid-decizjoni tieghu, l-applikazzjoni PA 2466/02 hija ta’ natura sanatorja. Fil-fatt l-Avviz 302/02 li minnu sar l-appell quddiem il-Bord kien jirrigwarda s-sit fin-numru erbgha u erbghin (44), Triq l-Izbandola, Qormi u jghid hekk: *“Premises used for model car racing and rooms in backyard without permit”* filwaqt li l-applikazzjoni PA 2466/02 li kienet *“To sanction the placement of model car track used for hobby purposes (no retali whatsoever is to be effected from premises)”* ukoll tirrigwarda l-istess sit. L-applikazzjoni saret mill-istess persuna li giet notifikata bl-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq.

Kif spjega tajjeb il-Bord, huwa l-kriterju ta’ l-identicita’ tas-sit li ghandu jkun dak determinanti sabiex wiehed jara jekk l-applikazzjoni hijiex wahda sanatorja, u f’dan il-kaz iz-zewg siti huma identici, filwaqt li kemm l-applikazzjoni kif ukoll l-Avviz jirreferu ghall-istess uzu, u cjoe’ dak ghall-*model car racing*.

Ghaldaqstant in vista ta’ dawn il-fatti kif ukoll ikkunsidrat li l-applikazzjoni kienet *to sanction*, il-Bord kien korrett meta ddecieda li l-applikazzjoni kienet intiza sabiex tissana l-izvilupp kopert mill-Avviz, *nonostante* li l-kliem ma huwiex precizament identiku, u ghalhekk li fl-eventwalita’ li l-applikazzjoni tigi accettata, l-Avviz jitlef l-iskop tieghu ghaliex l-izvilupp li jiddeskrivi l-Avviz ikun gie regolarizzat.

Galadarba l-Bord, korrettement, wasal ghal din il-konkluzjoni, ma kellu ebda alternattiva ghajr dik li japplika l-artikolu 52 (11) ta’ l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp, li huwa ta’ natura mandatorja u jobbliga lill-Bord sabiex, jekk qabel ma jsir appell jew maturl il-mori ta’ appell minn Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq, l-appellant jissottometti applikazzjoni ghall-permess ta’ l-Izvilupp, u l-Bord ikun sodisfatt li dik l-applikazzjoni hija ntiza biex tirregolarizza l-

izvilupp imsemmi fl-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq, jichad l-appell. Ghalhekk fil-kaz odjern il-Bord ma kellu ebda ghazla ghajr dik li jichad l-appell, kif fil-fatt ghamel.

3. Rigward il-mertu tat-tieni aggravju ta’ l-appellant, jinghad illi dan huwa wkoll marbut ma’ l-ewwel aggravju, ghaliex huwa msejjes fuq il-premessa illi l-izvilupp imsemmi fl-Applikazzjoni mhux l-istess bhal dak imsemmi fl-Avviz, mentri, kif intqal izjed ’il fuq, dan mhuwiex il-kaz ghaliex kemm l-applikazzjoni sanatorja kif ukoll l-Avviz jirrigwardaw l-istess zvilupp.

4. Illi rigward l-ahhar aggravju jinghad illi huwa risaput li allegazzjonijiet ta’ ksur ta’ drittijiet fundamentali tal-bniedem ma jistghux jitqajmu quddiem dina l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell.

Illi ma hemm l-ebda dubju illi kontroversji dwar vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti mill-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Konvenzjoni Ewropeja jaqghu fil-mansjoni esklussiva tal-Qorti Kostituzzjonali jew tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u l-ebda Qorti jew tribunal iehor ma jista’ jiddeciedi tali kwistjonijiet. F’dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza **“Joseph Difesa vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (Qorti ta’ l-Appell – appell Nru. 181/97 – decizjoni 24 ta’ Gunju 1998) fejn il-Qorti ta’ l-Appell iddikjarat li ma kellhiex kompetenza li tiddeciedi fuq allegazzjoni ta’ ksur ta’ drittijiet fondamentali protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea ghaliex skond l-artikolu 15 (20 ta’ l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp hija kompetenti li tiddeciedi unikament fuq punti ta’ ligi decizi mill-Bord u *“ghalhekk ma jidhirx li f’dawk il-proceduri (quddiem il-Bord) seta’ jigi mressaq aggravju ta’ agir diskriminatorju”.* Dan l-argument kien sostnut ukoll fid-decizjoni **“Teddy Rapa vs Chairman Awtorita’ ta’ l-Ippjanar et”** (Qorti Kostituzzjonali – 31 ta’ Mejju 2000) fejn l-Onorabbli Qorti sostniet li hija biss il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili li ghandha gurisdizzjoni originali biex titratta u tiddeciedi materji ta’ vjolazzjonijiet attwali jew mhedda tad-drittijiet fondamentali, fosthom il-helsien mid-diskrimazzjoni.

Illi l-insenjament tal-Qrati taghna huwa dejjem fis-sens li allegazzjoni ta' diskriminazzjoni tista' tigi nvestigata u deciza mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fit-termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, izda certament li dan il-Bord ma jistax jiddeciedi lanjanzi kostituzzjonali. (*vide* **"Tat-Taljan Company Limited vs Awtorita' ta' l-Ippjanar et"** – Qorti Kostituzzjonali – 2 ta' Jannar 2001).

5. Illi finalment, dwar il-mertu tat-tielet u l-ahhar aggravju ta' l-appellant, jinghad illi mhuwiex minnu li bid-decizjoni tieghu l-Bord nehha r-rimedju li l-appellant kellu kontra l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq mahrug kontra tieghu, ghaliex l-appellant jista' jressaq il-provi kollha li jixtieq fil-proceduri tas-smiegh ta' l-applikazzjoni tieghu, u fl-eventwalita' li l-applikazzjoni tieghu tintlaqa' l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq mahrug kontrih ma jkollu ebda effett.

In vista tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja' prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell tat-tmienja (8) ta' Novembru 2002 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant Mario Azzopardi, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fit-tmienja (8) ta' Novembru 2002, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' appellanti.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 17 ta' Jannar 2003 fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Mario Azzopardi kontra Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Frar 2003; tat-12 ta' Mejju 2003; tat-23 ta' Gunju 2003; tas-27 ta' Ottubru 2003 fejn id-difensuri trattaw l-appell. Il-Qorti ordnat lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex tawtentika li s-sentenza tal-Bord esebita hija attwalment dik li nghatat formalment;

Rat in-nota ta’ L-Awtorita’ li permezz taghha esebiet vera kopja tad-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appelli fit-8 ta’ Novembru 2002. Gie rilevat illi l-kopja rilaxxata f’idejn l-appellant u li giet esebita fl-atti ta’ dan l-appell kienet ghadha mhux koreguta. Ir-referenza ghall-kelma “tarag” fl-ahhar paragrafu kienet ovvjament zvista li lahqet giet ikkoreguta u ghaldaqstant it-tieni aggravju ta’ l-appellant huwa f’dan is-sens superfluwu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Novembru 2003 fejn in vista tan-nota u dokument tad-29 ta’ Ottubru Dr. Jacqueline Borg ghall-appellant irrinunzjat ghat-tieni aggravju taghha (tal-*ultra petita*) u ddikjarat li l-kawza se tibqa’ ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Marzu 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-fatti li waslu ghall-appell odjern huma s-segwenti: fl-10 ta’ April 2002 inhareg Avviz biex tieqaf u ta’ twettieq mahrug mill-Awtorita’ tal-Ippjanar fil-konfront ta’ l-appellant. F’dan l-avviz gie allegat illi huwa ghandu zvilupp li jikkonsisti minn uzu tal-garaxx bhala sala ta’ assemblea u divertiment fejn intramat *“track”* ghat-tlielaq ta’ *“racing car models”* kif ukoll bini ta’ kmamar fil-bitha ta’ wara u dan kollu minghajr permess mehtieg fi 44, Triq l-Izbandola, Qormi.

Illi sar appell minn dan l-Avviz fejn wahda mir-ragunijiet sabiex dan l-Avviz kellu jithassar li l-appellant uza kienet li kien ghad hemm applikazzjoni bin-numru PA 2466/02 fir-rigward tal-*garage* fuq imsemmi u ghalhekk huwa kompla li sakemm ma tinghatax decizjoni dwar din l-applikazzjoni, l-ordni mertu tal-appell ma setghetx tigi esegwita.

Illi fl-ewwel seduta quddiem il-Bord, l-Awtorita’ appellata nvokat l-artikolu 52(11) tal-Kap.356 u wara li gie trattat dan il-punt, il-Bord iddecieda li japplika dan l-artikolu. L-

appellant b'hekk interpona l-appell odjern fejn fl-ewwel aggravju qed isostni li d-decizjoni tal-Bord hija wahda zbaljata *stante* li l-applikazzjoni in kwistjoni bl-ebda mod ma tikkwalifika bhala wahda ntiza biex tissana l-izvilupp imsemmi fl-Avviz ta' twettieq. Hu qal li l-interpretazzjoni tan-natura sanatorja *o meno* ta' l-applikazzjoni kienet wahda erronja tant li l-Bord applika dan l-artikolu meta ma kienx il-kaz li jigi applikat.

Illi t-tieni aggravju huwa sorvolat minhabba li fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2003 Dr Borg ghall-appellant irrinunzjat ghalih in vista tan-nota u dokument tad-29 ta' Ottubru 2003 ipprezentata mill-Awtorita' appellata.

Illi fit-tielet aggravju l-appellant invoka l-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq. Dan ghaliex, skond hu, permezz tad-decizjoni tal-Bord u b'hekk bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 52 (11) tal-Kap. 356, il-Bord nehha kull rimedju effettiv li huwa seta' kellu kontra l-hrug ta' l-Avviz ta' Twettieq peress li gie prekluz milli jressaq provi dwar in-natura ta' l-uzu li qed issir mill-fond in kwistjoni.

Illi min-naha taghha l-Awtorita' appellata eccepiet preliminarjament li l-appell mhux qed isir minn punt ta' ligi kif rikjest mill-**Artikolu 15(2) ta' l-Att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar.**

Illi l-**artikolu 15(2) ta' l-Att Numru 1 tal-1992**, kif sussegwentement emendat, jghid testwalment illi:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Mugliett vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-31 ta' Mejju 1996 inghad illi:

*"Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss u unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun diga' qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu".*

Illi ukoll fil-kawza **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju, 1996 inghad ukoll illi:-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunx espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi dispozizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici enuncjazzjoni ta' xi dispozizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghall-appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata".*

Illi fl-istess imsemmija sentenza ta' **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** inghad illi:-

*"Il-ligi tghid espressament fl-**artikolu 15(2)** li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar:*

*"punti ta' ligi decizi mill-Bord" (illum taqra hekk wara l-emendi li saru - punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu). Dwar dawn biss hemm appell lil din il-Qorti, li bosta drabi ddecidiet li meta l-legislatur juza' kliem bhal dan, ma hemmx dritt ta' appell fuq is-semplici*

*applikazzjoni tal-ligi (li tigi citata fid-decizjoni appellata) ghall-fatti tal-kaz".*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **"Tony Zahra vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp"** (A.C. 6 ta' Mejju 1998) u cjoe':-

*"Dan kollu qieghed jinghad ghall-kompletezza, billi anke kieku fl-ipotesi li dawn il-fatturi ma gewx espressament imsemmija fid-decizjoni appellata u/jew ma gewx kummentati mill-Bord, xorta wahda ma jkunx hemm il-possibilita' ta' aditu b'success lil din il-Qorti. Dan billi l-ligi taghti dritt ta' appell biss u tassattivament, fuq punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-Bord".*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid b'mod mill-aktar car il-limiti li l-appell skond id-dispozizzjonijiet imsemmija taht l-**Att Numru I tal-1992** huma permessibbli u cjoe':-

*"Il-Qorti qeghda taghmel din l-osservazzjoni ghaliex il-gurisdizzjoni ta' din l-Qorti, f'appelli bhal dawn cjoe' taht l-Att Numru I tal-1992 konsegwentement hija limitata hafna. Din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrivedi u tirrimedja ghal kwalunkwe mankanza, immaginata jew reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. Invece, din il-Qorti tista' u ghandha tintervjeni biss fil-kazijiet li jolqtu direttament xi punt ta' ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord. Evidentement l-aggravju li l-Bord naqas li jaghti d-debita konsiderazzjoni lil xi fatturi relevanti jew anke li l-Bord ha in konsiderazzjoni xi fatti rrelevanti, ma jikkostitwixxux punt ta' dritt deciz mill-Bord u ghalhekk ma jaghtux lok ta' appell lil din il-Qorti taht il-ligi msemmija. Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni ma hijiex sindikabbli minn din l-Qorti f'appelli bhal dawn".*

Illi abbazi tal-premess, jidher li s-sitwazzjoni hija ben definita, u din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li ovvjament hija nnfisha tosserva l-istess, ghaliex l-awtorita' taghha hija hekk limitata bil-ligi, ligi specjali li fiha nfisha

hija cara u li tillimita b’mod mill-aktar tassattiv il-gurisdizzjoni taghha bhala Qorti tal-Appell fuq punt ta’ dritt; dan ma jfissirx li l-persuna aggravata b’decizjoni tal-Bord ma ghandhiex rimedji ohra li tista’ anke ssegwi wkoll quddiem il-Qrati ordinarji, u anke Qrati ta’ kompetenza kostituzzjonali, pero’ certament li mhux fl-ambitu ta’ appell minn decizjoni tal-Bord ta’ Appell lil din il-Qorti taht id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 15 (1) tal-Att I tal-1992,** dment li tali appell ma jaqax kif hemm indikat b’mod mill-aktar skjet u definit.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant ma jinkwadrax ruhu taht punt ta’ ligi deciz mill-Bord. Dak li l-appellant qed jitlob huwa li din il-Qorti tidhol fl-interpretazzjoni tal-fatti li l-Bord taha taha ghall-fatti li kellu quddiemu li wassluh biex japplika l-**artikolu 52(11) tal-Kap. 356**. Din il-Qorti ma tistax tiddisturba din l-interpretazzjoni ghax dik taqa’ kompletament fil-mansjoni u diskrezzjoni tal-istess Bord.

Illi inoltre’ minn qari tas-sentenza jirrizulta li l-Bord l-ewwel ezamina x’jirrikjedi l-**artikolu 52(11)** biex ikun jista’ jigi applikat, imbaghad ra jekk dawk ir-rekwiziti mehtiega gewx sodisfatti mill-fatti li kellu quddiemu. Il-Bord tenna hekk :-

*“Illi fl-ahhar seduta gie trattat dak li jipprovdi s-sub-artikolu (11) tal-artikolu 52 tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta’ Malta li jaqra kif gej:-*

*Jekk qabel ma jsir l-appell jew matul il-mori ta’ appell, l-appellant jissottometti lill-Awtorita’ applikazzjoni ghall-permess ghall-izvilupp, il-Bord ghandu jichad l-appell jekk ikun sodisfatt illi l-imsemmija applikazzjoni hija ntiza sabiex tissana l-izvilupp imsemmi fl-avviz ta’ twettieq.*

*Jigi nnutat illi din hija dispozizzjoni gdida li giet introdotta bl-artikolu 46 tal-Att Numru XXI ta’ l-2001. L-intenzjoni ta’ din id-disposizzjoni hija cara fis-sens illi meta jinhareg avviz biex tieqaf u ta’ twettieq u l-appellant jew diga’ jkollu applikazzjoni sanatorja dwar l-izvilupp kolpit f’dak l-avviz qabel ma jkun inhareg l-avviz jew jipprezenta applikazzjoni sanatorja wara l-hrug ta’ dak l-avviz, dan il-*

*Bord huwa tenut li jichad l-appell jekk ikun sodisfatt illi l-imsemmija applikazzjoni hija ntiza biex tissana l-izvilupp imsemmi fl-avviz ta' twettieq. Ghalhekk dan il-Bord irid jaghmel ezercizzju ta' natura teknika biex jistabbilixxi jekk il-fatti speci tal-izvilupp kolpit fl-avviz biex tieqaf u ta' twettieq humiex l-istess fatti speci li jissemmew fl-applikazzjoni. Mhux necessarju, fil-fehma ta' dan il-Bord, li l-kliem tal-avviz u l-kliem tal-proposta fl-applikazzjoni jkunu identici izda huwa essenzjali li sostanzjalment l-izvilupp li jissemma fl-applikazzjoni jkun tali li jekk jigi approvat igib fix-xejn l-avviz biex tieqaf ta' twettieq. Fi kliem iehor dak li huwa tenut li jistharreg dan il-Bord huwa s-segwenti : jekk tigi approvata l-applikazzjoni, ikun ghad hemm utilita' li l-avviz ta' twettieq jigi ezegwit? Jekk bil-hrug tal-permess l-izvilupp kolpit fl-avviz biex tieqaf u ta' twettieq jigi regolarizzat, allura l-avviz jigi ex lege mhassar u ma jkux ghad hemm aktar skop ghalih;*

*Applikati dawn il-principji ghall-fatti speci ta' dan l-appell jirrizulta li l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq inhareg ghall-allegat zvilupp li jikkonsisti minn uzu ta' garaxx bhala sala ta' assemblea u divertiment fejn intramat "track" ghat-tlielaq ta' "racing car models" kif ukoll bini ta' kmamar fil-bitha ta' wara u dan kollu minghajr permess. Mill-banda l-ohra, l-applikazzjoni li saret mill-istess persuna li giet notifikata bl-avviz biex tieqaf u ta' twettieq hija dwar l-istess sit mertu ta' l-avviz tat-twettieq. F'dan is-sens hemm identicita' fil-persuni u fil-post. Izda fil-kaz tal-persuna, ghalkemm relevanti, mhix l-kriterju li fuqu jigi determinat jekk l-applikazzjoni hijiex sanatorja. Id-determinazzjoni trid issir a bazi ta' jekk is-sit huwiex l-istess wiehed (li mill-provi gja' rrizulta lil dan il-Bord li huwa hekk) u jekk l-izvilupp kolpit fl-avviz ta' twettieq huwiex l-istess bhal dak imsemmi fl-applikazzjoni. Fl-applikazzjoni l-appellant qed jitlob permess 'to sanction the placement of model car track used for hobby purposes (no retail whatsoever is to be effected from premises)'. F'dan l-appell, il-Bord mhux qed jigi msejjah biex jiddeciedi din l-applikazzjoni imma biex jiddeciedi jekk l-applikazzjoni hijiex ta' natura sanatorja;*

*Mill-kliem stess ta' l-applikazzjoni huwa ga' accettat li l-applikazzjoni hija 'to sanction'. Il-Bord jikkonstata li l-indirizz huwa l-istess bhal dak ta' l-avviz u illi l-proposta hija l-istess ukoll b'mod generali fis-sens illi l-avviz qed jallega illi qed isir uzu tal-garaxx bhala sala ta' assemblea u divertiment fejn intramat 'track' ghat-tlielaq ta' 'racing car models' u l-istess applikazzjoni sostanzjalment hija ghall-istess fini 'to sanction the placement of model car track used for hobby purposes'".*

Illi mill-fatti specie tal-kaz jidher li effettivament gie deciz punt ta' dritt fis-sens li gie applikat ghall-kaz in materja l-**artikolu 52 (11) tal-Kap 356,** u dan wara li l-istess Bord ikkonstata li l-fatti tal-kaz kienu juru li saret applikazzjoni sanatorja dwar l-istess zvilupp li dwaru kien hareg l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq, u ghalhekk applika l-artikolu specifiku fil-ligi li jirrigwarda dan il-kaz.

Illi fil-mertu pero' jirrizulta li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda b'mod konformi mal-ligi li l-applikazzjoni PA 2466/02 hija fil-fatt ta' natura sanatorja. Infatti l-Avviz li minnu sar l-appell quddiem il-Bord kien jirrigwarda s-sit fin-numru 44, Triq l-Izbandola, Qormi u jghid *"Premises used for model car racing and rooms in backyard without permit";* filwaqt li l-applikazzjoni PA 2466/02 li kienet *"To sanction the placement of model car track used for hobby purposes (no retail whatsoever is to be effected from premises)"* ukoll tirrigwarda l-istess sit. L-applikazzjoni saret mill-istess persuna li giet notifikata bl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq. Illi ghalkemm il-kliem fid-dokumenti relattivi u trattati quddiem il-Bord ta' l-Appell mhux identiku, pero' fl-opinijoni ta' din il-Qorti huwa ovvju li qed jirreferu ghall-istess sitwazzjoni u ghalhekk jidher li meta l-Bord ta' l-Appell ikkonsidra li l-applikazzjoni tal-appellant kienet wahda ta' natura sanatorja, huwa ghamel apprezzament sew tas-sitwazzjoni, li kienet tispetta esklussivament lilu. Ladarba dan u huwa hekk stabbilit, l-istess Bord ta' l-Appell applika korrettament id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 52 (11) tal-Kap 356**. Allura jsegwi li l-ligi giet applikata korrettament mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu hawn appellata.

Illi fl-ahharnett fir-rigward tat-tielet aggravju dan ukoll ma jistax jintlaqa', u dan peress li kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet **"Jane Cini et vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp et"** (App.Nru:19/2001/RCP – 27/03/2003);

*"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher car li l-istess appellanti ghandha l-idejat taghha zbaljati fuq dan il-punt stante li l-gurisdizzjoni u l-kompetenza dwar kawzi ta' allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fondamentali protetti taht id-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni** u l-istess dwar il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, hija skond l-**artikolu 46 (2) tal-Kap 1** u l-**artikolu 4 tal-Att XIV tal-1987 (Kap 319)** hija vestita fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-prim' istanza u fil-Qorti Kostituzzjonali fis-sekond' istanza u certament mhux f'din il-Qorti ta' l-Appell (Sede Nferjuri) li kif inhi kostitwita tista' biss tisma' appelli mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fuq punt ta' dritt skond il-ligi specjali tal-**Kap 356** u dan biss kif specifikat fl-**artikolu 15 (2) tal-istess.**"*

Illi ghalhekk dan l-aggravju ma jistax jigi akkolt minn din il-Qorti u jsegwi li ghar-ragunijiet premessi l-appell interpost ghandu jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad l-appell interpost** mir-rikorrenti permezz ta' rikors datat 25 ta' Novembru 2002, u filwaqt li tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba', u l-hames eccezzjoni tal-Awtorita' appellata fir-risposta taghha tas-16 ta' Dicembru 2002, u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Mario Azzopardi vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** datata 8 ta' Novembru 2002.

Bl-ispejjez kontra l-appellant.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------